# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru wieħed u disgħin (91) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar 2012, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Noel Galea | Sindku |

1. Il-laqgħa nżammet illum it-Tnejn 13, flok għada t-Tlieta, 14 ta' Frar 2012, u mhux skond kif muri fil-minuti (tas-seduta 90), fuq xewqet is-sindku, minkejja li llum kien avżana illi se jittardja, u f'nofs il-laqgħa bagħat messaġġ fuq il-*mobile phone* tad-deputat sindku, u talab li jiġi skużat għall-assenza tiegħu kif fil-fatt kien mill-KLM.

2. Charles Farrugia ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti, li kienu mgħoddija permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra, mis-segretarju eżekuttiv, kienu approvati u ffirmati wara diversi tibdiliet li saru kif muri bil-linka fuq il-kopja oriġinali u wkoll inizjalati mid-deputat sindku u s-segretarju eżekuttiv.

4. Issemmiet il-laqgħa pubblika, u Nicholas Briffa qal illi l-KLM imissu jżomm laqgħa mas-sidien tal-*garages* ta' Triq tas-Sejba, ġaladarba qam il-fatt illi f'din il-parti qed ikun hemm periklu bil-vetturi pparkjati matul il-ġurnata fin-nuqqas ta' bankina f'din il-parti tat-triq.

5. Saret referenza għax-xogħol taċ-ċentru ta' viżitaturi li nbeda fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fejn id-deputat sindku, insista illi jkun hemm bil-miktub, ċar u tond, ftehim bejn l-*istakeholders* kollha speċjalment is-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali u l-*MEPA*, *tramitè* il-perit tal-kunsill sabiex ma jkunx hemm problemi u jwaqqfulna x-xogħol. Is-segretarju eżekuttiv qal illi f'dan is-sit, minbarra il-*WWII Shelter*, li kien skopra hu madwar għaxar snin ilu (u li kien ħasbu qabar ieħor waqt xogħol ta' trinka), jidher li hemm dokumentazzjoni għand is-Sovratendenza illi jeżisti qabar ieħor minbarra ovvjament it-tliet oqbra magħrufa bħala l-katakombi. Hu qal li Meverick Spiteri mill-istess Sovratendenza Patrimonju Kulturali, ordna illi jitkisser ammont ta' *tarmac* f'post fejn qed jindika hu mal-perit u l-kuntrattur biex jaraw jekk jinstabx dan il-qabar. Intant, Charles Farrugia qal li l-KLM għandu jkollu kopja ta' dan il-ftehim (biex ikun stabbilit jekk aħniex konformi), kif ukoll il-konferma tal-*MEPA* li l-proġett jista' jibda minkejja li diġà nqatgħu /nqalgħu xi siġar.

6. B'riferenza għall-argument li kien qam fil-laqgħa pubblika dwar xogħlijiet tal-kuntrattur tal-KLM u ċ-ċertifikazzjoni tal-perit, kif ukoll għall-kontijiet li għad hemm pendenti, is-segretarju eżekuttiv qal li hu għad m'għandux il-kontijiet ta' Sqaq Numru 1, 3, u 4 ta' Triq il-Parroċċa minkejja li dan ix-xogħol kien sar fis-sajf, u l-eżitu li kien hemm il-ġimgħa l-oħra fejn qed tinġabar għadira u jinħtieġ jerġa' jinqala' parti minn Sqaq Numru 1 mill-ġdid. Dwar dan il-fatt kien tkellem is-Sur Wenzu Camilleri fil-laqgħa pubblika u s-sindku qal li l-KLM mhux se jerġa' jħallas tal-*patching* maġġuri li kien sar lejlet il-laqgħa pubblika, dejjem fejn sar fuq it-tarmak il-ġdid. Paul Spiteri qal illi issa Triq il-Mitħna reġgħet inqalgħet mill-ġdid u jidher li solvejna l-problema li kien hemm – forsi għaliex kellna ħafna xita kif appena tlesta l-*patching* u għadajjar ma żammew imkien. Nicholas Briffa qal illi meta ma jsirx xogħol sewwa mill-ewwel, f'għajnejn in-nies, il-kunsill xorta jidher ikrah għax dawn jaħsbu li jkunu se jitħallsu spejjeż

addizzjonali. Issemmiet parti fi Triq il-Qattara fejn il-pubbliku qed igerger li bil-volum tax-xita li jgħaddi minn din it-triq, qed jidħol volum sostanzjali ta' ilma fi propjetà privata. Infatti Paul Spiteri kien tal-ideja li jsir *culvert* biex ir-*run-off* jgħaddi minn taħt it-triq ħalli ma jqajjem l-ebda inkonvenjent. Hawn kien stabbilit illi l-qlib tat-triq hu tali mod li ma toqgħod l-ebda għadira ilma, u l-problema ġejja minn volumi kbar ta' ilma li jgħaddi minn Sqaq il-Matla. Is-segretarju eżekuttiv qal li f'dan il-post jaqa' l-ilma li jkun ġej sa minn Triq Valletta u għalhekk hija ħaġa raġunata li mill-Matla jgħaddi ħafna ilma. Intant, is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jhedded illi jissospendi il-kuntratt ta' *Asfaltar Ltd* f'każ illi l-kontijiet pendenti jibqgħu ma jaslux sal-ġimgħa d-dieħla.

7. Dwar il-Perit Bezzina, intqal illi Noel Galea kellu jiltaqa' mal-perit biex ikunu diskussi punti li kienu mqajma fil-laqgħa pubblika fost affarijiet oħra. Intant, kien deċiż illi niktbu ittra wkoll u nsemmu li fil-laqgħa ġenerali li kellna, ir-residenti kkummentaw li sar xogħol ħażin u dan mhux aċċettabbli, u qed ikun ta' dannu għall-kunsill, għaliex il-kunsill qed jidher ikrah mar-residenti.

8. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex jirrapporta l-ħsarat kbar li jeżistu fit-toroq arterjali minħabba l-ammont ta' xita li għamlet dan l-aħħar. Il-kunsillieri kienu qed jalludu għal Triq Valletta, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u Triq Ħal Kirkop.

9. Paul Spiteri fakkar lis-segretarju eżekuttiv sabiex il-*bus shelter* li għandu jinqala' minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, propju minn quddiem l-*istationery*, jerġa' jiġi utilizzat fejn il-bandli fejn hemm il-*bring-in-sites*, f'Misraħ il-Fidwa.

10. Kien approvat il-*budget 2012* (it-tielet *draft*) u Grace Marie Mallia kkummentat dwar l-allokazzjoni finanzjarja governattiva li naqset b'elf u ħames mija. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li dan kien rifless fit-tielet *draft.* Intant Charles Farrugia qal li din mhux se tagħmel differenza kbira, filwaqt li Nicholas Briffa qal li l-allokazzjoni finanzjarja tgħin fil-proġetti kapitali propju biex ikun konkluż b'suċċess il-proġett pilota tat-toroq, daqs kemm il-Fond għat-Titjib Urban għen biex ippavimentajna, billi żdiedu il-fondi għat-toroq. Dwar dan, id-deputat sindku staqsa x'possibilità hemm illi dan il-fond (għat-Titjib Urban) jintuża biex isir l-*embellishment* u jitneħħa l-periklu osservat mill-ispettorat, fil-bandli f'Misraħ il-Fidwa. Hu saħaq illi dan it-titjib għandu jsir biex jissalvagwardja saħħet it-tfal tagħna f'każ illi ma tiġix aċċettata l-applikazzjoni tal-KLM biex jingħata fondi esklussivament għal dan il-għan.

11. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-*<u>financial statements</u>* li jridu jkunu għand l-awtoritajiet sa mhux aktar tard mill-21 ta' Frar 2011. Dawn kienu approvati biex imbgħad ikunu skrutinjati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awdituri kif ukoll mill-Uffiċċju tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u *Grant Thornton*, ħalli jkunu jistgħu jibdew l-eżerċizzju ta' l-uditjar. Wara li mbgħad ikollna l-*audit accounts* f'idejna, toħrog il-*management letter* u jkun imiss li nikkummentaw fuqha, bħas-soltu, r-rakkomandazzjonijiet tagħna biex intejbu l-operat finanzjarju ta' finanzi pubbliċi.

12. Kienu approvati d-dokumenti tal-offerti tal-*web-site* apposta biex tippromwovi il-*heritage trail*, liema proġett hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja permezz ta' Miżura 313 immaniġġjat mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali; id-dokument tal-offerta tal-latrini pubbliċi, indikat fil-*management letter* tas-sena l-oħra (li skada); flimkien ma' dak tal-assikurazzjoni tal-kunsill. Dawn se joħorġu għall-offerta /kwotazzjoni skond kif propost permezz ta' *e-mail* li kien bagħat diversi ġimgħat ilu s-segretarju eżekuttiv.

13. Kienet approvata iċ-ċedola tal-pagamenti numru 430.

14. Charles Farrugia ppropona sabiex issir manutenzjoni fl-isqaqien tal-post tan-nar fl-inħawi tas-Siġġiewi minħabba sigurtà fil-ġarr ta' splussiv.

15. Dwar il-ħsarat li ġarrbet vettura fl-inħawi ta' Kandja, minn persuna residenti f'B'Kara, is-segretarju eżekuttiv, għandu indikazzjoni li dan ma ġarax fil-konfini tal-Imqabba. Għaldaqstant, id-deputat sindku sostna illi għandna niktbulu lura u ngħidulu li dan ma mhux fir-*remit* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

16. Dwar l-istess refużjoni tal-Fond għat-Titjib Urban, fejn Ms Marthese Baldacchino tal-*MEPA* sabet diffikultà biex tipproċessa l-pagamenti wara li ma qablux il-kontijiet mal-irċevuti ta' *Asfaltar Ltd*, li kien bagħatilha il-perit tal-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv qal li kien irrisponda l-*e-mail* is-sindku u bħal issa qed nistennew risposta lura.

17. Is-sindku ppropona l-*item* tal-aġenda Serata Ġieħ l-Imqabba. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu ma jaf li daħlet l-ebda talba formali biex tinbidlilha l-ġurnata. Intant Paul Spiteri qal li jidher li s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju għandha diffikultà biex issib il-bandisti u għaldaqstant is-serata li fiha jingħata Ġieħ l-Imqabba, se ssir fit-tielet Sibt t'Ottubru bħalma kien qed isir minn dejjem, għajr is-sena li għaddiet. Dwar l-attivitajiet abbinati ma' din il-ġimgħa Mqabbija, Nicholas Briffa ppropona illi anke is-serata "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien" fl-apert, għandha tibda ssir fis-sajf. Is-segretarju eżekuttiv qal illi din is-sena żgur li ma jistax ikun għaliex id-dati ilhom imniżżla fil-kalendarju tal-Awtorita Maltija tat-Turiżmu, hekk kif tħabbar li ingħatajna l-fondi (€3,000), filwaqt li l-fondi neħduhom propju għax il-kunsilli lokali jżommu dawn l-attivitajiet fis-*shoulder months* u jattiraw interess addizzjonali ma' dak tal-festi tagħna li jsiru fis-sajf.

18. Nicholas Briffa, f'punti oħra semma il-kaptell tad-drenaġġ tar-residenza privata ta' Ġakkina Camilleri peress li jidher li telgħu t-trakkijiet fuq il-bankina u dawn sfrondaw. Kien deċiż illi t-tiswijiet isiru mill-kunsill lokali sabiex jitneħħa l-periklu u kull biżgħa ta' din l-anzjana.

19. Kien approvat b'mod sħiħ il-*performance bonus* tas-segretarju eżekuttiv għas-sena 2011 wara insistenza li saret minn dan id-dipartiment biex tkun diskussa il-*performance appraisal* tiegħu u tkun iffirmata sal-aħħar ta' Frar 2012. Din l-approvazzjoni issa se tgħaddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex terġa' tiġi approvata peress li s-segretarju eżekuttiv huwa mpjegat mal-istess dipartiment u mhux aktar mal-kunsill (mir-riforma tal-kunsilli 'l hawn).

20. Grace Marie Mallia fakkret lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħat il-lista tal-ilmenti li daħlu mill-aħħar laqgħa sal-lum permezz ta' *e-mail* u dan jibda jsir qabel kull laqgħa.

21. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jiltaqa' nhar is-27 ta' Frar 2012 fil-waqt li din il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27/ 02/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |